MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 18/2008

Josephine Vella u John Mizzi

Vs

Korporazzjoni Enemalta

Il-Qorti,

**Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) – Hlas ta' salarju kull erbgha (4) gimghat – Hlas ta' salarju b'tant fis-sena**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu l-atturi ppremettew li:

Huma jokkupaw il-kariga ta' assistant manager u professional executive mal-Korporazzjoni Enemalta. Bhala parti mid-dmirijiet taghhom huma jridu jaghmlu on call duties bhal ma jaghmlu inginiera ohra f'Malta. Il-hlas ta' on call duties hu regolat fi ftehim kollettivi li gew

iffirmati bejn il-korporazzjoni konvenuta u l-Union li tirraprezenta lill-haddiema taghha.

Sa minn meta l-atturi nghataw dmirijiet gewwa Ghawdex, bdew jithallsu b'rata differenti u ferm inqas minn dawk imhallsa lill-inginiera impjegati ma' l-istess korporazzjoni konvenuta gewwa Malta. Tali hlas hu totalment differenti kemm fil-mod ta' komputazzjoni tieghu u wkoll fl-ammonti mhallsa. Agir li jikser il-ftehim.

Ghalhekk l-atturi talbu sabiex din il-Qorti tiddikjara:

1. Li r-rati ta' hlas ghal *on call duties* ghandhom ikunu l-istess kemm ghall-inginiera stazzjonati f'Malta kif ukoll dawk stazzjonati gewwa Ghawdex u dan anke kif dettat mill-collective agreements infushom.
2. Tillikwida l-ammont dovut lil Josephine Vella (perjodu ben 1993 u 2007) u lil Joseph Mizzi (mis-sena 2002).

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-23 ta' April 2008 (fol. 115) il-Korporazzjoni konvenuta fost'eccezzjonijiet ohra, eccipiet li t-talba tal-atturi hi preskritta skond l-Artiklu 2147(c) tal-Kodici Civili fir-rigward ta' dawk l-ammonti li jirreferu ghall-perjodu li jmur lil hin minn tnax-il xahar.

Semghet ix-xhieda u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) L-attrici Josephine Vella bdiet tahdem bhala inginier mal-Korporazzjoni Enemalta fl-1993 u d-dmirijiet taghha kienu jinkludu *"on call duties"*. Fil-5 ta' Novembru 1993 iffirmat dikjarazzjoni (fol. 12) fejn jinghad li *"....we have agreed that I. A sum of Lm500 per engineer is to be paid as Disturbance Allowance."*. Inoltre, *"The Disturbance Allowance mentioned in I above is to be adjusted pro rata*

*with any increase in ON CALL Allowance applicable in Malta.”*. Minn dakinhar l-allowance li baqghet tithallas kienet fl-ammont ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) kull sena. Mill-bidu ta’ l-impjieg taghha bdiet taqdi d-dmirijiet taghha gewwa Ghawdex.

(b) L-attur John Mizzi beda jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta bhala inginier mill-2002 u jahdem f’Ghawdex. Bhall-attrici mill-bidu tal-impjieg beda jaghmel *“on call duties”*.

(c) Ix-xoghol ta’ *on call duties* jirreferi ghal xoghol wara l-hin normali. Fil-ftehim kollettiv li hemm fl-atti a fol. 13-29 dan ix-xoghol hu deskritt bhala ***“...on call <u>outside normal hours of work</u>......”*** (enfazi u sottolinejar tal-Qorti). Josephine Vella spjegat: *“on call duties huma parti mid-dmirijiet taghna mal-Korporazzjoni Enemalta. Din hia sistema illi jkun fi x’hin ikun jew tkun liema gurnata tkun, jista’ jkun ghalhekk il-Milied jew l-Ghid, il-principal jista’ jitolbok biex tidhol ghax-xoghol”*. Hlas li jsir flimkien mas-salarju.

(d) L-atturi qeghdin jirreklamaw id-differenza fil-hlas ta’ *on call allowance* bejn l-ammont li thallas lill-inginiera li jahdmu Ghawdex u dak li huma ntitolati ghalih skond il-ftehim kollettiv. L-atturi jsostnu li d-diskrepanza hi dik li tohrog midokumenti a fol. 30 u 49 tal-process, cjoe fil-kaz ta’ l-attur €48,724.14 u fil-kaz ta’ l-attrici fl-ammont ta’ €144,046.42.

(e) Bhala membri tal-Professional Officers’ Union l-atturi qeghdin jippretendu li ghandhom jinghataw l-istess rati ta’ hlas li jircievu l-inginiera li jahdmu Malta, in kwantu l-ftehim kollettiv li gew iffirmati matul is-snin ma jaghmlu l-ebda distinzjoni bejn inginiera li jahdmu Malta u dawk li jahdmu f’Ghawdex.

(f) Fil-11 ta’ April 2007 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-Korporazzjoni konvenuta fejn talbu l-hlas tal-arretrati tal-*on call allowance*, u li b’sehh immedjat jibdew jircievu hlas bl-istess rata li jithallsu biha l-inginiera li jahdmu Malta. L-ittra ufficjali giet notifikata fis-16 ta’ April 2007.

(g) Fl-4 ta’ Jannar 2008 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali ohra kontra l-Korporazzjoni konvenuta fejn regghu nterpellawha thallas l-arretrati. L-ittra ufficjali giet notifikata fil-11 ta’ Jannar 2008.

(h) Mill-provi jirrizulta li l-Korporazzjoni baqghet thallas l-istess ammont matul dawn is-snin kollha u jidher li meta saru diskussjonjiet bejn il-Union ghall-Ufficjali Professjonali u l-Korporazzjoni, din baqghet tinsisti li l-hlas kellu jibqa' ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

(i) Mill-atti jirrizulta li l-*on call allowance* tithallas b'rati fissi pero' li jvarjaw skond jekk il-gurnata tkun matul il-gimgha ta' xoghol jew fi tmiem il-gimgha jew f'xi festa pubblika. Jidher ukoll (ghallinqas mill-provi li tressqu) li kien hemm perjodu meta l-allowance kienet l-uniku rimunerazzjoni li ghandu dritt ghaliha l-inginier anke jekk ikollu jirraporta ghax-xoghol waqt li jkun *on call* (ara ftehim kollettiv li gie ffirmat fil-perjodu 1994 – fol. 15). Pero' b'sehh mill-ftehim li sar mill-1999 jidher li l-inginier ghandu dritt ukoll ghall-hlas ta' sahra minn meta jibda x-xoghol ta' riparazzjoni (ara per ezempju ftehim kollettiv ta' 1999 (fol. 18) u 2002 (fol. 19)).

(j) Permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li huma ntitolati jircievu l-istess rata ta' rimunerazzjoni li jircievu inginiera li jahdmu Malta u qeghdin jitolbu wkoll likwidazzjoni tal-ammont dovut lilhom minn meta bdew jaghmlu dan ix-xoghol.

(k) B'digriet moghti fis-6 ta' Lulju 2008 il-Qorti ordnat lill-partijiet sabiex mhux iktar tard mill-11 ta' Lulju 2008 jipprezentaw *"....kopja vera tal-kuntratt ta' impjieg tal-atturi, u jekk tezisti tal-ittra ta' hatra."*.

(l) Permezz ta' nota prezentata mill-Korporazzjoni konvenuta gew prezentati d-dokumenti li ntalbu bid-digriet tas-6 ta' Lulju 2008.

2. L-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li:-

*"l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-forrnituri li jkollhom jiehdu."*, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena.

It-test Ingliz jaqra hekk:

actions of domestic servants or other persons paid by the month, of artificers or day-labourers for the payment of their wages, salaries or the supplies due to them;

Dan il-provvediment mhu xejn ghajr traduzzjoni mit-test originali bit-Taljan tal-Artikolu 1911 tal-Ordinanza numru VII tal-1868[1] li kien jaqra hekk:

*“Le azioni dei domestici od altre persone stipendiate a mese, degli operaj e dei giornalieri, pel pagamento delle loro giornate, dei loro salarj, o delle somministrazioni loro dovute.”*[2].

Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(a) Hemm distinzjoni apparenti bejn it-test Malti u dak Ingliz in kwantu fit-test Malti jinghad ***“ghall-hlas tal-granet tal-pagi”*** filwaqt li fit-test Ingliz jinghad *“for the payment of their wages”*;

(b) Jidher li hemm *lacuna* in kwantu dan il-provvediment ma japplikax ghal dawk il-persuni li ghandhom is-salarji pagabbli mhux kull xahar. Dan ifisser li ghal dawn il-persuni japplika perjodu ta’ preskrizzjoni itwal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hekk. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Degiorgio vs Vincent Muscat** deciza fit-8 ta’ April 2002 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili[3], l-attur kien jahdem bhala *chef* u kien jithallas kull gimgha. L-attur harrek lill-principal tieghu ghall-hlas ta’ salarju. Il-Qorti kkonkludiet: *“Infatti l-artikolu 2147(c) fuq imsemmi jitkellem dwar persuni mhallsin bix-xahar, jew persuni ingaggati bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi. Fil-kaz in ezami izda jirrizulta li l-attur kien ingaggat u jithallas bil-gimgha u mhux bix-xahar u lanqas bil-gurnata.*

---

[1] Promulgata bi proklama numru 1 tal-11 ta’ Frar 1870.

[2] It-test Ingliz tal-istess Ordinanza jaqra: *“Actions of servants or other persons salaried by the month, of artificers, and day-labourers, for the payment of their wages, of their salaries, or the provisions due to them.”*.

[3] Imhallef A. Magri.

*Ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz in ezami."*[4].

(c) Certament li wasal iz-zmien li dawn il-provvedimenti, li dahlu fis-sehh permezz tal-Ordinanza numru VII tal-1868, jigu riveduti u fejn hemm bzonn emendati sabiex jirriflettu z-zminijiet li qeghdin nghixu fihom. Il-Qorti mhi tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm distinzjoni bejn dawk imhallsin bix-xahar u haddiema ohra imhallsin iktar spiss.

(d) Il-fatt li fl-Artikolu 2147(c) tintuza l-kelma paga u wkoll salarju, hemm distinzjoni fis-sinifikat taghhom minkejja li fil-hajja ta' kuljum dawn iz-zewg termini jintuzaw b'mod li huma kunsidrati li ghandhom l-istess sinifikat. Il-Qorti taqbel li l-kelma *"tal-granet tal-pagi"* (fit-test Taljan *"pel pagamento delle loro giornate"*) qeghda tirreferi ghal dawk il-haddiema li jahdmu bil-gurnata. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978. M'hemmx dubju li l-atturi ma jikkwalifikawx bhala haddiema li jahdmu bil-gurnata.

(e) Fl-Att dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) l-Artikolu 2 jipprovdi:-

> "paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull *bonus* li jitħallas skond l-artikolu 23 minbarra kull *bonus* jew *allowance* relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;

Jidher li din il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn salarju u paga.

3. Hu floku jekk fl-ewwel lok il-Qorti tiddetermina jekk *"on call allowance"* tikkwalifikax bhala salarju. Id-difensur

---

[4] *"Sull'eccezione della prescrizione, che non trattandosi di dimettere persone stipendiate a mese e' inapplicabile la prescrizione contemplata nel 3 alinea dell'articolo 1911 dell'Ordinanza VII del 1868, e solo si potrebbe applicare la prescrizione di cinque anni, come fu ritenuto con diverese sentenze dei nostri tribunal tra cui quelle di questa Corte del 26 Gennajo 1882, nella causa Borg Preziosi (Collezione IX.618), e del 28 Febbrajo 1893 nella causa Azzopardi versus Dr. Preziosi (ibid. XIII.432)."* (**Paola Gauci vs Filippo Camilleri ed altri** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Gunju 1917 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Jannar, 1919 – Vol. XXIII.i.7).

tal-Korporazzjoni konvenuta jsostni li l-kelma salarju m'ghandix tinghata definizzjoni restrittiva. Fil-kawzi:

- **<u>Paul Aquilina vs Victor Satariano nomine</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Gunju 1994 fejn gie spjegat li hlas ghal leave ma jaqax taht il-kategorija ta' salarju (ghalkemm is-sentenza kienet b'riferenza ghall-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili) in kwantu l-Qorti kkonkludiet li m'hemmx ekwivalenza bejn salarju u d-dritt ghal leave.

- **<u>Lawrence J.M. Galea vs Malta Shipbuilding Co. Ltd</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[5] fid-19 ta' Dicembru 2003, *bonus* gie dikjarat li hu soggett ghall-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili wara li l-Qorti qieset li *electronics technician* kien jidhol fl-espressjoni ta' *"artigjan"* u li: "Il-Kap 135 fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 2 jiddefinixxi "paga" bhala *"rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu bil-flus minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li ghandu jithallas skond l-Artikolu 29 ta' dan l-Att"*;

- **<u>Alexander Ciantar vs Hotels Administration Limited</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[6] fl-20 ta' Ottubru 2003, hlas ta' sahra gie kkunsidrat li hu nkluz fil-hlasijiet kontemplati mill-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili. Il-Qorti ghamlet riferenza ghal sentenza fl-ismijit **Giuseppe Micallef vs Dottor Ernesto Gulia et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar 1917 (Vol. XXIII.i.320) u **Doris Borg et vs Marie Midolo et** nomine deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001. Il-Qorti rat din l-ahhar sentenza u tistqarr li ma setghetx tasal ghal xi konkluzjoni dwar it-tip ta' hlas li kien il-mertu ta' dik il-kawza.

- **<u>Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd vs Mario Caruana</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[7] fit-30 ta' April 2008 fejn l-Artikolu 2147(c) gie dikjarat li japplika fil-kaz ta' *bonus* u pagamenti ohra.

---

[5] Imhallef D. Scicluna.
[6] Imhallef P. Sciberras.
[7] Imhallef P. Sciberras.

Skond il-ftehim kollettiv l-*on call allowance* hu mhallas b'rati fissi li jvarjaw biss skond jekk ikunu granet ta' festi, matul il-gimgha tax-xoghol, jew fi tmiem il-gimgha. Hu hlas kontinwattiv u li ma jirreferix ghal xi xoghol li hu kazwali. Rimunerazzjoni li qeghda tithallas sabiex l-impjegat jaqdi d-dmirijiet tieghu wkoll wara l-hin tax-xoghol meta jinqala' 'l bzonn fil-perjodu li jkun qieghed *'on call'*. Il-Qorti hi sodisfatta li din ir-rimunerazzjoni hi parti mill-pakkett tas-salarju (*salary package*) u tifformaw parti essenzjali mill-kondizzjonijiet ta' xoghol tal-atturi u bhala tali tikkwalifika biex taqa' fil-kategorja ta' salarju. Pakkett li ghandu dak li jissejjah *"basic pay"* li tithallas kull erbgha' (4) gimghat, u fl-istess perjodu qieghed jircievi hlasijiet ohra. Il-fatt li jista' jkun li ma tithallasx kontribuzzjoni socjali fuq dan l-ammont jew ma tigix kunsidrata fil-kalkolu tal-pensjoni, m'ghandux ikun il-kejl jekk il-hlas jaqax fil-kategorija ta' salarju. Il-dhul li fuqu tigi kalkolata l-pensjoni ghandha tapplika biss ghal dak l-ghan. Interpretazzjoni li qeghda tinghata anke in vista tad-definizzjoni tal-kelma "paga" fil-Kap. 452. Il-Qorti hi ukoll tal-fehma li z-zmenijiet inbidlu fis-sens li meta dan il-provvediment originarjament dahal fis-sehh il-beneficcji li jinghataw illum il-gurnata lill-impjegati ma kienux jezistu. Ma jaghmilx sens li hlasijiet ohra li jifformaw parti mill-pakkett tas-salarju tal-impjegat ikun japplika ghalihom perjodu ta' preskrizzjoni hafna iktar twil.

4. Tibqa' l-kwistjoni jekk l-atturi humiex imhallsin bix-xahar. Mill-provi rrizulta li l-atturi kienu ghamlu zmien jircievu s-salarju kull xahar. Jidher li b'sehh mis-sena 2003 il-pagament beda jsir kull erbgha (4) gimghat. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni mill-*payslips* ta' l-attur John D. Mizzi ghall-perjodu 1/12/02-31/12/02 (fol. 36) u 6/1/2003-2/2/2003 (fol. 37), u qeghda tifhem li fl-istess perjodu l-istess sistema bdiet tapplika fil-konfront tal-attrici l-ohra.

Il-fehma tal-Qorti hi li l-kelma "xahar" ghandha tfisser xahar skond il-kalendarju Gregorjan. B'analogija tista' ssir riferenza ghall-Artikolu 103 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

**103.** Fil-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħadd ta' erbgħa u għoxrin siegħa, ix-xahar u s-sena jingħaddu skond il-kalendarju.

Jekk wiehed kellu japplika dan it-terminu ta' preskrizzjoni jkun ifisser li ma japplikax minn meta l-atturi bdew jithallsu s-salarju kull erbgha (4) gimghat, ghaliex dan ma jikkwalifikax bhala xahar. Irid jinghad li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, tali dubju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni. Fil-kawza fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited**[8] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2004 inghad: *"Illi ghar-rigward tal-preskrizzjoni msemmija mill-kumpannija mharrka, jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin "preskrizzjonijiet qosra". Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa."*. Inoltre kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Noel Ellul nomine et vs Francis Vella nomine** deciza fit-8 ta' Mejju 2001, *"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontendenti jigu debitament accertati, kienet minnha nnifisha odjuza u kellha allura tigi applikata restrittivament"*.

Madankollu l-Qorti tistqarr li kellha dubju serji, mehud in konsiderazzjoni l-grad li ghandhom, kemm l-atturi jaqghu taht dan il-provvediment. Kien ghalhekk li l-Qorti hasset li ghandha d-dmir li tordna li jigu prezentati kopja vera tal-kuntratt ta' impjieg u, jekk jezistu, l-ittri ta' ingagg. Mid-dokumenti prezentati mill-Korporazzjoni konvenuta (wara d-digriet tas-6 ta' Lulju 2008):-

(1) **L-attur John Mizzi** inghata:-

[8] Imhallef Joseph R. Micallef

(a) Ittra ta' ingagg datata 15 ta' Jannar 2001 ghall-kariga ta' Engineer 1 (Trainee) Electrical. Ghal dak li hu salarju jinghad: ***"b'salarju ta' Lm5593 fis-sena li jizdied b'Lm139 kull sena sal massimu ta' Lm6427 (Skala 9) b'sehh mit-2 ta' Jannar 2001 bi prova ghal sitt (6) xhur."***.

(b) Ittra ta' hatra datata 15 ta' April 2002 li tghid li b'effett mill-4 ta' Frar 2002 inghata l-grad ta' Professional Executive (Electrical), fejn jinghad li ***"Dan il-grad ghandu salarju ta' Lm6430 fis-sena li jizdied b'Lm164 kull sena sal-massimu ta' Lm7414 (Skala 7)."***.

(2) **L-attrici Josephine Vella** inghatat:-

(a) Ittra ta' ingagg datata 17 ta' Novembru 1992 fil-kariga ta' Professional Officer 1 (Electrical). Ghal dak li hu salarju jinghad: *"b'salarju fis-sena ta' Lm3225 xLm104 – Lm3745...."*.

(b) Ittra ta' hatra datata 7 ta' Novembru 1994 fil-kariga ta' Engineer II (Electrical) b'sehh mis-26 ta' Ottubru 1994; ***"Dan il-grad ghandu salarju ta' Lm4528 fis-sena li jizdied b'Lm164 kull sena sa massimu ta' Lm5512."***.

(c) Ittra ta' hatra datata 3 ta' Settembru 2001 fil-kariga ta' Professional Executive II (Electrical Engineer) b'effett mis-26 ta' Ottubru 2000; ***"Dan il-grad ghandu salarju ta' Lm592 fis-sena li jizdied b'Lm185 kull sena sal-massimu ta' Lm7092 (Skala 6)."***.

(d) Fl-20 ta' Dicembru 2007 gie ffirmat ftehim (Performance Agreement) bejn il-partijiet li bih l-attrici nghatat il-kariga ta' Assistant Manager (Distribution) ghall-perjodu ta' tlett (3) snin b'effett mill-20 ta' Dicembru 2007; *"The Corporation shall pay the Employee* ***a yearly gross salary of €25,182.86c p.a. (twenty five thousand one hundred eighty two and eighty six cents euros) for the first year of the currency of this agreement.****"*. Il-kuntratt jipprovdi wkoll ghal *on call allowance* fis-sens li *"Payment of an on-call allowance of €2,329.37 (two thousand and three hundred twenty nine and thirty seven euros) per annum paid every four weeks in arrears. This allowance shall only apply if the employee actually performs on-call duties."*.

Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li s-salarju m'huwiex pattwit kull erbgha (4) gimghat imma tant fis-sena. Il-fatt li mbaghad il-modalita' tal-hlas hi kull erbgha (4) gimghat (fil-kaz ta' Josephine Vella ghamlet numru ta' snin fejn us-salarju kienet tircevih kull xahar) hi kwistjoni ohra. Il-Qorti hi tal-fehma li m'huwiex importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat hu mqassam matul sena, cjoe' l-frekwenza tal-hlas. Interessanti kif fit-test originali (Ordinanza numru VII tal-1868), il-kelma li intuzat hi *"stipendiati"* (salaried bl-Ingliz). L-Articolo 1912 (illum 2148) kien jaqra *"Di coloro che fossero stipendiati ad anno pel pagamento del loro salario."*[9]. Provvediment li sal-lum ghadu ma giex emendat. Fil-fehma tal-Qorti hekk biss jistghu jgu nterpretati l-provvedimenti rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju, sabiex jaghmlu sens. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[10] fil-kawza **Martin Abela vs Ramon Spiteri nomine** deciza fit-22 ta' Frar 2002 fis-sens li:- *"Kif juri s-seba' patt tal-ftehim, izda, is-salarju ta' l-attur huwa stipulat **b'tant fis-sena**, mhux b'tant fix-xahar; il-preskrizzjoni taht l-art. 2147(c) tal-Kodici Civili ghalhekk ma tghoddx ghall-kaz ta' l-attur, u l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda"*[11]. Tant hu hekk li kwalsiasi kalkoli li jkun hemm bzonn li jsiru, isiru fuq sena salarju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddecidi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi tichad l-istess bl-ispejjez ghall-Korporazzjoni Enemalta.

Il-kawza qeghda tigi differita ghal kontinwazzjoni ghas-smiegh ghas-seduta tal-__________________________.

---

[9] ***"Of those who are salaried by the year for the payment of their salary."***.

[10] Imhallef G. Caruana Demajo.

[11] F'dak il-kaz il-klawzola kienet taqra: *"The company agrees to pay employee a gross salary of six thousand Maltese liri (Lm6,000) per annum."*.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------